**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tas-26 ta' Mejju 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Østre Landsret - id-Danimarka) – Envirotec Denmark ApS vs Skatteministeriet**

**(Kawża C-550/14)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud — Direttiva 2006/112/KE — Awtolikwidazzjoni — Artikolu 198(2) — Deheb fil-forma ta' materja prima jew fil-forma ta' prodotti semimanifatturati — Kunċett — Artikolu 199(1)(d), u Anness VI — Materjali użati, skart u ruttam — Ingotti li jirriżultaw mit-tidwib ta' oġġetti u ta' ruttam diversi, intiżi sabiex jippermettu l-estrazzjoni tad-deheb u ta' purità tad-deheb ta' iktar minn 325 parti minn kull elf)***

(2016/C 260/04)

*Lingwa tal-kawża: id-Daniż*

**Qorti tar-rinviju**

Østre Landsret

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Envirotec Denmark ApS

*Konvenut:* Skatteministeriet

**Dispożittiv**

*L-Artikolu 198(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li dan japplika għal kunsinna ta' ingotti, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, komposti minn liega rozza u alleatorja miksuba mill-fużjoni ta' ruttam u ta' diversi oġġetti tal-metall li fihom id-deheb, kif ukoll metalli oħra, materjali u sustanzi, u li jkun fihom, skont l-ingott, kontenut ta' deheb ta' madwar 500 jew 600 parti minn kull elf.*

([1]) ĠU C 56, 16.2.2015.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-25 ta' Mejju 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Augstākā tiesa - il-Latvja) – Rūdolfs Meroni vs Recoletos Limited**

**(Kawża C-559/14)** ([1])

***[Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili — Regolament (KE) Nru 44/2001 — Rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' miżuri provviżorji u kawtelatorji — Kunċett ta' "ordni pubbliku"]***

(2016/C 260/05)

*Lingwa tal-kawża: il-Latvja*

**Qorti tar-rinviju**

Augstākā tiesa

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Rūdolfs Meroni

*Konvenuta:* Recoletos Limited

*fil-preżenza ta'*: Aivars Lembergs, Olafs Berķis, Igors Skoks, Genādijs Ševcovs

**Dispożittiv**

*L-Artikolu 34(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, moqri fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' digriet mogħti minn qorti ta' Stat membru, li ngħata mingħajr ma terz, li d-drittijiet tiegħu jistgħu jiġu affettwati minn dan id-digriet, ma jkun instema', ma għandhomx jitqiesu li huma manifestament kontra l-ordni pubbliku tal-Istat Membru mitlub u kontra d-dritt għal smigħ xieraq fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet, sa fejn ikun possibbli għalih li jsostni d-drittijiet tiegħu quddiem din il-qorti.*

(1) ĠU C 89, 16.3.2015.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tas-26 ta' Mejju 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-First-tier Tribunal (Tax Chamber) - ir-Renju Unit) – Bookit, Ltd vs Commissioners for Her Majesty's Revenue and Customs**

**(Kawża C-607/14)** (1)

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud — Direttiva 2006/112/KE — Eżenzjoni — Artikolu 135(1)(d) — Tranżazzjonijiet li jikkonċernaw il-ħlasijiet u t-trasferimenti — Kunċett — Xiri permezz tat-telefon jew fuq l-internet tal-biljetti taċ-ċinema — Ħlas permezz ta' karta ta' debitu jew karta ta' kreditu — Servizzi magħrufa bħala "pproċessar tal-ħlas bil-karta")***

(2016/C 260/06)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Qorti tar-rinviju**

First-tier Tribunal (Tax Chamber)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Bookit, Ltd

*Konvenuta:* Commissioners for Her Majesty's Revenue and Customs

**Dispożittiv**

*L-Artikolu 135(1)(d) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-eżenzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud li hemm prevista fih għat-tranżazzjonijiet dwar il-ħlasijiet u t-trasferimenti ma tapplikax għal servizz magħruf bħala "pproċessar tal-ħlas bil-karta ta' debitu jew bil-karta ta' kreditu", bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, mogħtija mill-persuna taxxabbli, fornitur ta' dan is-servizz, meta persuna tixtri, permezz ta' dan il-fornitur, biljett taċ-ċinema li jbigħ għan-nom u f'isem entità oħra, li din il-persuna tħallas permezz ta' karta ta' debitu jew permezz ta' karta ta' kreditu.*

(1) ĠU C 81, 9.3.2015.

---